20 ta' Novembru, 1950.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Kaptan Joseph Degiorgio et.** *versus* **Carmelo Mallia ne.**

## "War Damage Commission" — Ħsara tal-Gwerra.

***F'dan il-każ, il-fondi fil-kwistjoni kellhom xi ħsara ħafifa kaġunata bil-ħidma tal-għadu. Il-fond attigwu, għalkemm kien imwaqqa' bil-ħidma tal-għadu wkoll, kien qiegħed iservi ta' sostenn għall-fondi fil-kwistjoni. Il-fond kontigwu ġie demolit mid-Dipartiment tad-"Demolition and Clearance", mingħajr ma ttieħdu miżuri prekawzjonali biex iservu ta' sostenn għall-fondi fil-kwistjoni minflok il-fond hekk demolit. Dawn il-fondi għalhekk iġġarrfu. Il-War Damage Commission irriteniet li din ma kienetx ħsara tal-gwerra; iżda l-Qorti rrevokat dik id-deċiżjoni u ordnat illi dik il-ħsara kellha tiġi aċċettata mill-Kummissjoni bħala ħsara tal-gwerra fis-sens tal-liġi.***

Il-Qorti; — Rat id-deċiżjoni tagħha tad-19 ta' Ġunju 1950, fejn hemm rikapitolati d-domanda tar-rikorrenti u r-risposta ta' l-intimat nomine, u fejn ġiet rigettata l-eċċezzjo-

in ta' l-inappellabilità tad-deċiżjoni tal-War Damage Commission, sollevata mill-istess intimat nomine;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fattijiet li taw lok għal dan l-appell huma dawn:

Il-fondijiet nru. 23 u 24 Church Wharf, Marsa, proprjetà tar-rikorrenti, kienu danneġġjati ħafif b'ħidma tal-għadu. Dawna d-danni, li ma kienux ta' natura strutturali, u li jikkonsistu f'njam u madum, kienu għadhom ma ġewx riparati, meta ż-żewġ fondijiet ġew imġarrfa u saru perdita totali. Iż-żewġ fondijiet kienu sovrapposti wieħed għall-ieħor, u r-rikorrenti jattribwixxu t-tiġrif tagħhom għall-fatt illi l-fond attigwu, għalkemm kien ġie mwaqqa' bil-ħidma tal-għadu, kien qiegħed iservi ta' sostenn għaż-żewġ fondi in kwistjoni. Meta sar ix-xogħol tal-"clearance" u "demolition" minn uffiċjali tal-Gvern, is-sostenn li kellhom iż-żewġ fondijiet spiċċa, mingħajr ma dawna ħadu passi biex jagħmlu "buttresses". Il-postijiet damu hekk esposti għal xi sentejn, u f'okkażjoni ta' maltempata kbira huma ġġarrfu;

Jidher ċar li kien hemm xi ħsara latenti fl-istruttura tal-postijiet li ma dehretx la lil l-perit inkarikat mir-rikorrenti fl-istadju oriġinali, vwoldiri meta l-fondijiet kien għad għandhom appoġġ mid-debris tal-fondijiet l-oħra, u lanqas lill-uffiċjali tad-"Demolition and Clearance", għalkemm dawn, wara d-demolizzjoni u r-rimozzjoni tal-materjal, seta' forsi kellhom okkażjoni aħjar li jikkonstataw il-bżonn li jsiru "buttresses";

Ma hemmx dubju li r-rikorrenti aġixxew korrettament kif hemm mitlub mill-art. 28 (1) ta' l-Ordinanza III ta' l-1943, meta huma qabbdu perit debitament kwalifikat biex dana jikkonstata d-danni allura eżistenti, u dak li sar wara ma kienx prevedibili la minn dan il-perit, u lanqas mill-uffiċjali tal-"Clearance and Demolition Department";

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' t-talba tar-rikorrenti, tirrevoka fil-parti appellata d-deċiżjoni tal-War Damage Commission ikkomunikata lill-istess rikorrenti per mezz ta' ittra tas-27 ta' Marzu 1950, u għalhekk tiddeċidi billi tiddikjara illi l-ħsara sofferta bit-tiġrif tal-fondi nri. 23 u 24 Church Wharf, Marsa, fis-6 ta' Jannar 1949, għandha tiġi aċċettata

mill-War Damage Commission bhala "war damage" kif definita fil-War Damage Ordinance; bl-ispejjeż kontra l-intimat nomine.

---